MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 103/2023 LM

**Jonathan Ferris (K.I. nru. 255473(M))**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Av. Dr. Peter Grech fil-kwalità tiegħu bħala Chairman u in rappreżentanza tal-Financial Intelligence and Analysis Unit, aġenzija stabbilita *ai termini* tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta u b'digriet datat 9 ta' Novembru, 2020, minflok l-Av. Dr. Peter Grech għandu jkun hemm Jesmond Gatt, u b'digriet ta' illum it-28 ta' Lulju, 2023, bħala *Chairman* u r-Rappreżentant tal-Financial Intelligence and Analysis Unit minflok Jesmond Gatt għandu jkun hemm Kenneth Farrugia**
*('l-appellant FIAU')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Financial Intelligence and Analysis Unit** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant FIAU'], mid-deċiżjoni

preliminari [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni preliminari’] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fit-8 ta’ Ottubru, 2018 (Deċiżjoni nru. 2552), u mid-deċiżjoni finali tat-Tribunal mogħtija fis-6 ta’ Ottubru, 2023 [minn issa ’l quddiem ‘id-deċiżjoni finali’], fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru. 3579/17AM. Permezz tad-deċiżjoni preliminari it-Tribunal iddeċieda billi ċaħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-appellant FIAU, u ordna l-prosegwiment tal-proċeduri quddiemu, u permezz tad-deċiżjoni finali it-Tribunal iddeċieda t-talbiet tar-rikorrent **Jonathan Ferris (K.I. nru. 255473(M))** [minn issa ’l quddiem ‘l-appellat’], kif ġej:

*“Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeċiedi billi jilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrent u jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu tikkostitwixxi trattament diskriminatorju bi ksur tal-liġi.*

***Dwar il-kumpens***

*A fini ta’ kumpens dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-segwenti sentenzi: Qorti tal-Appell dwar kif it-Tribunal Industrijali għandu jasal għall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x’għandu jikkonsidra sabiex jasal għal tali kumpens. (vide Appell Ċivili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (Operations) Ltd deċiża fid-9 ta’ Marzu 2019, per l-Onorevoli Mħallef Anthony Ellul, u Appell Ċivili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deċiża fil-11 ta’ Far 2019, per l-Onorevoli Mħallef Anthony Ellul, u Appell Ċivili Nru. 160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De la Rue Currency and Security Limited deċiża 11 ta’ Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mħallef Anthony Ellul).*

*Mill-provi jirriżulta a fol 20 li r-rikorrent kellu salarju gross ta’ Ewro 32,500 b’żieda ta’ Ewro 1,000 fis-sena għal Ewro 37,000 suġġetti għal* performance *tajba. Kellu* wkoll an annual performance-related non-cumulative bonus not exceeding Ewro 850 to be determined by the director on the basis of an assess made, health insurance.

*Li għalhekk l-paga li kellu r-rikorrent kienet ta’ Ewro 32,500 beda x-xogħol fl-1 ta’ Novembru 2016 u ġie terminat l-impjieg tiegħu fis-16 ta’ Ġunju 2017. Ma saret ebda prova mir-rikorrent jekk wara din id-data huwa sabx xogħol u jekk sab kellux l-istess paga jew anqas.*

*Illi għalhekk a bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u l-każistika fuq ċitata rigwardanti l-istess, dan it-Tribunal bħala kumpens qiegħed* arbitrio boni viri *jordna lil FIAU sabiex tħallas kumpens lil Jonathan Ferris is-somma ta' għoxrin elf ewro (Ewro 20,000) lir-rikorrent Jonathan Ferris, liema somma għandha titħallas fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni odjerna.*

*Spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.*

*Għalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xogħol."*

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw it-tkeċċija tal-appellat mill-impjieg tiegħu mal-appellant FIAU fis-16 ta' Ġunju, 2017[1], u dan waqt li kien għaddej il-*probationary period*.

## Mertu

3. L-appellat għalhekk istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal fl-1 ta' Awwissu, 2017 permezz ta' rikors fejn talab lill-imsemmi Tribunal sabiex:

*"1. Jiddikjara illi t-tkeċċija tar-rikorrenti jikkostitwixxi trattament diskriminatorju bi ksur tal-liġi partikolari b'referenza partikolari għal trattament mhux aċċettabbli f'soċjetà demokratika.*

*2. Jiffissa kumpens skont il-liġi".*

4. L-appellant FIAU wieġeb fil-15 ta' Settembru, 2017, fejn issottometta li t-talbiet tal-appellat kellhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom għal dawk ir-

[1]Ara Dok A *a fol.* 3 tal-atti tat-Tribunal.

raġunijiet li huwa fisser fit-tweġiba tiegħu, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess appellant.

## Id-Deċiżjonijiet Appellati

5. It-Tribunal għamel il-konsiderazzjonijiet li ġejjin sabiex wasal għad-deċiżjoni preliminari tiegħu:

> *"Illi din id-deċiżjoni si tratta ta' żewġ eċċezzjonijiet preliminari li ġew imressqa mill-intimat li huma l-ewwel:*
>
> *In-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tat-Tribunal peress illi l-korp intimat huwa regolat mil-Liġi tiegħu.*
>
> *Illi it-Tribunal ra n-noti ta' sottomissjonijiet u ikkunsidra s-segwenti:*
>
> *l-intimat issottometta li minħabba l-fatt li l-FIAU għandu elementi ta' kunfidenzjalità u għalhekk d-deċiżjonijiet tal-Korp mhumiex sindakabbli jirriżulta illi dan it-Tribunal ma għandux ġurisdizzjoni.*
>
> *Ir-rikorrenti min-naħa l-oħra jissottometti illi huwa minnu li l-FIAU għandha Liġi għaliha però dan ma jfissirx li huma lil hinn mill-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali. Ukoll dan it-Tribunal pprovda li dan il-każ jinstema' wara bibien magħluqa u għalhekk qiegħed jipprotegi l-kunfidenzjalità. Ir-rikorrenti qal ukoll huwa veru li d-deċiżjonijiet tal-FIAU huma insindikabbli però dawn id-deċiżjonijiet huma fuq il-materja tal-istess FIAU u mhux għal kull deċiżjoni meħuda minnha.*
>
> ***Deċiżjoni***
>
> *It-Tribunal sema' ż-żewġ partijiet u jikkonkludi li dan it-Tribunal għandu kompetenza jisma' dan il-każ. It-Tribunal assikura li dan il-każ jinstema' bil-magħluq sabiex jiġi assigurat il-kunfidenzjalità ta' xi aspetti ta' dan il-każ. Ukoll it-Tribunal jikkonkludi li il-mertu ta' dan il-każ mhuwiex fuq materja tal-FIAU jew xogħolha imma fuq allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta u ta' allegazzjoni ta' diskriminazzjoni li ma jaffettwa xejn l-andament tad-deċiżjoni fuq l-operat tal-FIAU u għaliex ġie kostitwit dan il-Korp.*
>
> *Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiċħad din l-eċċezzjoni preliminari u jgħaddi biex jiddeċiedi fuq i-tieni eċċezzjoni preliminari.*
>
> *It-tieni eċċezzjoni preliminari si tratta ta':*

*It-Tribunal ma għandux ġurisdizzjoni peress illi t-tkeċċija seħħet fil-*probation.

*L-intimat issottometta li minħabba l-fatt li t-tkeċċija saret waqt il-*probabtion *u għalhekk r-raġuni tal-każ in deżamina huma insindikabbli u konsegwentement dan it-Tribunal ma għandux ġurisdizzjoni. Ukoll fil-Liġi stess, il-Liġi ma tipprovdix li dan it-Tribunal għandu ġurisdizzjoni fuq każijiet ta' trattament diskriminatorju.*

*Ir-rikorrent issottometta li jekk jirriżulta li hemm diskriminazzjoni dan waħdu għandu jiġi skrutinat mit-Tribunal apparti l-aspetti l-oħra tat-tkeċċija.*

***Deċiżjoni***

*It-Tribunal qiegħed jagħmel distinzjoni bejn tkeċċija inġusta u trattament diskrimatorju. It-Tribunal qiegħed jagħmilha ċara li mhuwiex ser jidħol fil-kwistjoni ta' tkeċċija allegatament li hija inġusta. Il-Liġi hija ċara u fiż-żmien il-*probabtion *il-prinċipal jista' jtellaq l-impjegat mix-xogħol mingħajr ma jagħti ebda raġuni u hekk kien il-każ. It-Tribunal però għandu ġurisdizzjoni jissindika jekk l-prinċipal uża xi trattament diskriminatorju waqt kull ħin tal-impjieg anke jekk kien fil-*probabtion period. *Dan jista' jirriżulta jew ma jirriżultax però r-rimedju huwa kumpens biss għaliex il-prinċipal leħaq neħħa l-impjieg tal-impjegat waqt il-probation f'dan il-każ."*

6. Din il-Qorti permezz tas-sentenza tagħha tal-15 ta' Frar, 2023, iddikjarat bħala nulla d-deċiżjoni tat-Tribunal tat-30 ta' Mejju, 2022, u bagħtet l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex dan jikkunsidra dak kollu li l-Qorti fissret fis-sentenza msemmija, u jiddeċiedi l-każ skont is-subregolament 12 tal-L.S. 452.18. It-Tribunal ikkunsidra dan li ġej sabiex wasal għad-deċiżjoni finali tiegħu:

***"Konsiderazzjonijiet***

*Dan it-Tribunal kif diġà ġie spjegat hawn fuq baqalu jiddeċiedi biss ai termini tad-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal tat-8 t'Ottubru 2018 (fol 156 et) diversament presedut, li permezz tagħha dan it-Tribunal iddeċieda li għandu ġurisdizzjoni jisma' biss fuq il-kwistjoni ta' allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju u li r-rapport a fol 138 dwar l-*performance *ta' Ferris, dan it-Tribunal jiddeċiedi jekk tali prova hijiex rilevanti biss a fini ta' trattament diskriminatorju.*

*Għaldaqstant dan it-Tribunal sejjer jiddeċiedi dawn iż-żewġ punti:*

*(i) Jekk prinċipal hux ġustifikat itemm l-impjieg waqt il-perijodu ta' prova meta tiġi pruvata diskriminazzjoni*

*(ii) Jekk ir-rikorrent għandux raġun meta jgħid li ġie terminat lilu waqt il-perijodu ta' prova minħabba diskriminazzjoni politika u li fir-rikors promotur huwa jirreferi għalihom bħala 'konsiderazzjonijiet politiċi li jikkostitwixxu trattament mhux aċċettabbli f'soċjetà demokratika u għalhekk huma bażi ta' trattament diskriminatorju..."*

***Fatti tal-każ***

***Novembru 2017*** *George Farrugia japplika għal Financial Analysis Manager iżda ma jintagħżilx u kien jaħdem bħala Senior Analyst flimkien ma' Daniel Gatt u Ruth Gauci.*

*Ferris jgħid fol 350 et li huwa kien investiga l-mara ta' George Farrugia li hija Marisa Farrugia meta kienet konslu fi Tripli u ġiet arrestata minn Ferris minħabba allegazzjonijiet li ġraw fix-xogħol tagħha.*

***F'nofs Mejju 2016*** *ir-rikorrent attenda seminar fuq money laundering organizzat mill-Malta Financial Services Authority li fih ipparteċipaw il-pulizija u l-FIAU fosthom Dr Manfred Galdes, Alfred Zammit u Analisti oħra membri tal-ġudikatura u nies oħra. Galdes ħajjru biex japplika wara li semgħu jilmenta dwar kif fil-pulizija l-affarijiet kienu sejrin mill-ħażin għall-agħar.*

*Wara xi jiem ċempillu Alfred Zammit Deputy Director FIAU u qallu li kien kellmu Galdes u qallu biex jibgħatlu s-CV tiegħu u ftit jiem wara bagħtulu. Saru l-interviews minn Galdes u Zammit u s-second interview saret minn Zammit u Dr. Bartolo għax fil-frattempt Galdes kien spiċċa mill-FIAU;*

***L-aħħar ta' Ġunju 2016*** *issirlu l-ewwel interview sabiex jaraw għadux interessat.*

***Fl-20 ta' Lulju*** *Alfred Zammit ċempillu meta kien xogħol l-Economic Crimes Unit jinfurmah li kien mar tajjeb ħafna fl-interviews u li kien intagħżel. Bagħtlu l-kuntratt tax-xogħol biex jevalwah u Zammit infurmah li huwa kellu jħejji r-rapport tal-għażla lil bord u li fih kien hemm l-Assistent Kummissarju Silvio Valletta. Ir-rikorrent wieġbu li ma kienx hemm problema li Valletta jsir jaf.*

*Għamel tentattivi sabiex jiġi seconded mill-korp iżda ma rnexxielux u l-31 ta' Ottubru 2016 kienet l-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu fil-korp tal-pulizija għalkemm baqa' jitħallas tal-leave u off duty li ħa sad-19 ta' Mejju 2017.*

***Fit-2 t'Awwissu 2016*** *jirriżenja Manfred Galdes minn mal-Awtorità.*

***Fl-1 ta' Novembru 2016*** *ir-rikorrent beda jaħdem uffiċjalment mal-FIAU. Alfred Zammit beda jispjegalu proċedura u sistemi nterni u baqa' xxukkjat u nkwetat ħafna*

*meta għarfu li s-sistema kompjuterizzata tal-Financial Analysis kienet aċċessibbli għal Anaslisti kollha b'password komuni. Żewġ analisti rriżenjaw fi spazju ta' żewġ ġimgħat u l-workforce li kien imexxi hu spiċċa b'erba' analisti minn sitta.*

*Kif beda jaħdem ir-rikorrent fol 264 et xehed li tawh ir-rapport dwar alleged kickbacks bejn Adrian Hillman u Keith Schembri u Alfred Zammit qallu biex jiffirmahom. Huwa b'arranġament ma' Zammit kellu jara kienx hemm xi haġa ħażina fl-Ingliż u jiffirmahom.*

*Novembru 2016 – bagħat għalih Zammit u qallu "għandna bżonnok to set the section mhux biex tidħol b'ruħek u b'ġismek fl-invetigazzjonijiet.*

***F'Diċembru 2016** ir-rikorrent intbagħat workshop f'The Hague l-Olanda ma' wieħed mill-analisti.*

***Bejn l-20 u t-23 ta' Diċembru 2016** ir-rikorrent siefer fuq xogħol il-Europol; sussegwentement huwa jsemmi 30 ta' Jannar u 5 ta' Frar ir-rikorrent isiefer xogħol l-Europol darba ma' Kenneth Farrugia għax dan Farrugia skont Ferris kien għadu ma jaf xejn fuq money laundering.*

***L-aħħar ta' Jannar bidu ta' Frar 2016** ir-rikorrenti isiefer ukoll fuq xogħol il-Qatar.*

***F'nofs Frar 2017** Kenneth Farrugia inħatar Direttur ġdid fl-FIAU.*

***F'Marzu 2017** ir-rikorrent ġab sponsored training mill-Europol fuq is-sistema tal-FIAU net u fl-istess xahar huwa u d-Direttur siefru The Hague għal konferenza fuq xogħol.*

***7 u 8 ta' Marzu 2017** kellu jsir ir-review tar-rapport dwar l-LLG tanker li ma kienx involut fih u xogħolu kien biss li jagħmel review tar-rapport iżda dan ir-review aħħari mill-Financial Analaysis Committee baqa' ma sarx.*

***22 ta' Marzu 2017** Ruth Gauci lestiet ir-rapport tagħha dwar il-Ministru Konrad Mizzi liema rapport huwa datat 22 ta' Marzu 2017 u ġie mgħoddi għall-iskrutinju tiegħu qabel jintbagħat lill-pulizija. Alfred Zammit u Kenneth Farrugia ukoll ingħataw kopja ta' dan ir-rapport u kollha kellhom jagħmlu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar dan ir-rapport u jiddiskutuhom fil-finalization meeting u l-għada ltaqgħu huwa, Gauci, Zammit u Farrugia u Farrugia kien qallhom biex jibdew review tal-conclusions. Huwa qallu li jekk ma kienux ser jibdew mill-ewwel faċċata ħadd ma kien ser jifhem ir-raġunar għal konklużjonijiet milħuqa għaliex dan kien każ kumplikat. Iżda Farrugia baqa' jinsisti li huwa dejjem hekk għamel meta kien l-IAID u li hekk kien ser jibqa' jagħmel. Meta suppost ġurnata pjanata sabiex jinħeles dan ir-rapport għamlu biss siegħa, raw ftit il-konklużjonijiet u ftehmu li jerġgħu jiltaqghu l-ġimgħa ta' wara iżda din il-laqgħa qatt ma seħħet jew inkella ma kienux qalulu biex jattendi kif il-fatt hekk ġara.*

*Ġara li wara taw il-bank all clearance u Ferris wera lil Zammit li ma jistax ikun li fir-rapport sibtu balla breaches u issa qed tgħidu all clear.*

***Fid-19 t'April u 21 t'April 2017** feġġ il-każ ta' Pilatus Bank, Egrant, Hearnville u Tillgate mill-blogger Daphne Caruana Galizia.*

*A fol 338 et Alfred Zammit et jammetti li r-rapport ta' Hillman ta' Pilatus Bank u tal-LLG tanker ma sarux minn Ferris. U li l-każ tal-Pilatus Bank biss kien l-uniku każ li huma saqsewh biex ma jaħdimx fuqu. Li r-rapport dwar LLG tanker intbagħat lil pulizija wara li Ferris ma kienx għadu mpjegat mal-FIAU.*

***21 t'April 2017** jasal għand ir-rikorrent l-ewwel rapport tal-compliance rigward Pilatus Bank sabiex janalizzah u li wasal għal konkluzjoni li ma hux minnu dak li r-rappurtat Caruana Galizia se mai kien hemm transactions oħrajn.*

*Dakinhar ukoll bagħat għalih Kenneth Farrugia u sab lil Dr Anton Bartolo u lil Ruth Gauci u bdew jiddiskutu l-issue ta' Pilatus Bank u Bartolo u l-FIAU inkarigawh sabiex jagħmel settijiet ta' domandi li kienu ħa jibgħatu għall-impjegati tal-Pilatus Bank. U a fol 204 huwa ppreżenta l-mistoqsijiet li kien lesta.*

***Fit-26 t'April 2017** Zammit bagħatlu what's up message jsaqsieh hux sejjer l-uffiċċju u meta saqsa għaliex Zammit qallu li l-uffiċċju hemm laqgħa kunfidenzjali ħafna u aħjar ma jersaqx 'l hemm. Ċemplitlu dakinhar l-Ispettur Lara Butters li kienet miegħu fil-każ ta' Maria Effimova u nfurmatu li l-Police Board riedu jerġgħu jkellmuhom dwar il-każ ta' Effimova u qallha stramba kif lilu ma ċemplulux.*

***Fid-29 t'April 2017** li kien is-Sibt kien ċempillu Spettur tal-Pulizija li l-Avukat Ġenerali kien qed jistaqsi dwar ċerta Maria Effimova. Dan ukoll fil-kuntest li anke l-Police Board kien qed jerġa' jitlob ix-xhieda tiegħu kontra din l-mara fuq każ li huwa kien investigaha u ressaqha quddiem il-Qorti b'arrest. Huwa kien urtat ħafna għax meta l-istess Effimova kienet għamlet rapport falz kontra tiegħu u fizzjali oħra tal-Korp u mmalalfamathom ħadd mill-għassa tal-Belt ma riedu jmexxu r-rapport li kienu għamlu. Huwa jgħid li kien fuq insistenza tiegħu u ta' kollega tiegħu li jressqu challenge il-qorti talli l-pulizija ma ħaditx passi kontra Maria Effimova.*

***April 2017** jidħlu tlett analisti ġodda mal-FIAU tnejn minnhom spetturi tal-pulizija.*

*<u>Ir-rikorrent jgħid li meta feġġ il-każ ta' Pilatus Bank bdew il-problemi fuq ix-xogħol.</u>*

***Fil-30 t'April 2017** ir-rikorrent jara għall-ewwel darba r-rapport tal-FIAU dwar Pilatus bank li sar minn Ruth Gauci u li dan skont ir-rikorrent wara li l-blog ta' li huwa jsejjaħ 'ġurnalista famuża' kienet irrapportat li minn l-istess bank kienet saret transazzjoni ta' aktar minn $1 miljun fejn wara li kien għamel ftit riċerka u analiżi preliminari fil-*

*preżenza tad-Direttur u tal-analista Ruth Gauci kien wasal għal konklużjoni li din it-transazzjoni ma kienetx l-istess waħda rappurtata fil-blog u ċioe' li kienet allegatament tappartjeni lil Michelle Muscat.*

***Lejn l-aħħar t'April*** *ukoll ir-rikorrent jinqala' barra mill-investigazzjoni dwar l-issue tal-bagalja minħabba d-dokumenti.*

***Fit-2 ta' Mejju 2017*** *ir-rikorrent deher quddiem il-Police Board u reġgħu saqsewh lilu u lil Butters l-istess domandi li kien saqsewh fi Frar meta l-każ kien suppost magħluq.*

***Fit-2 ta' Mejju 2017*** *wara li deher quddiem il-Police Board, meta daħal lura għax-xogħol Kenneth Farrugia u Alfred Zammit qalulu sabiex ma jkollux aktar x'jaqsam mal-investigazzjonijiet fejn jidħol Pilatus Bank għax għandu kunflitt ta' interess minħabba li kien arresta lil Maria Effimova. Huwa qalilhom f'wiċċhom li huwa fil-pulizija kien għamel xogħolu meta arresta lil min kien iffroda l-bank iżda huma ma riedux jifhmu u qalulu li kien ser jibqa' Head of Unit u li kienu ser iżommuh b'dak kollu li kien qed jigi.*

*Ir-rikorrent jgħid a fol 327 et li huwa ma ħadimx fuq ir-rapport ta' Pilatus Bank li sar fis-sena 2016 meta huwa kien għadu fil-korp tal-pulizija u ċċara li meta qalulu biex ma jaħdimx fuq il-każ ta' Effimova dan għaliex huwa u l-Ispettur Lara Butters u s-Supretendent Dennis Theuma għamlu kwerela għar-rigward ta' rapport falz li hija għamlet fil-konfront tagħhom.*

*Alfred Zammit a fol 338 et xehed li Ferris u t-team tiegħu kienu responsabbli mill-investigazzjoni dwar jekk Pilatus Bank kienx qed jiffaċilita l-ħasil ta' flus biss iżda huwa kellu konflitt ta' nteress għax meta kien fil-pulizija kien qed jinvestiga rapport li sar mill-bank li Effimova kienet iffrodata lil bank u għalhekk ħassew li jkun għaqli li Ferris ma jibqax involut f'dik l-analiżi.*

***14 u 15 ta' Mejju 2017*** *ir-rikorrent isiefer Brussell fuq xogħol tal-FIAU dwar track terrorism financing.*

***17 ta' Mejju 2017*** *ir-rikorrent talab li jmur lura fil-pulizija u kellu laqgħa mal-kummissarju.*

***Fis-17 u 18 ta' Mejju 2017*** *ir-rikorrent u Alfred Zammit kienu ndirizzaw konferenza f'Malta miżmuma fl-Intercontinental Hotel San Ġiljan u waqt din il-konferenza Alfred Zammit kien laqqa' lill-impjegati preżenti tal-FIAU u nforma lil kulħadd li possibilment kienu ser jintalbu jidhru quddiem il-Maġistrati inkwerenti li kienu qed jinvestigaw ir-rappurtaġġi fil-media fuq leaks ta' rapport (i) tal-FIAU.*

*Ġara li l-affarijiet bejnu u l-FIAU bdew sejrin mill-ħażin għall-agħar u talab lil Kummissarju tal-Pulizija biex jerġa' jidħol fil-korp u l-Kummissarju qallu li ma għandux ikun hemm problema għax huwa dejjem qeda dmiru sew fil-korp u beda formalment ir-reinstatement procedure.*

***Fl-20 ta' Mejju 2017** l-allowances li kien għad baqgħalu jieħu mill-pulizija ġie mħallas tagħhom u li għalhekk sal-20 ta' Mejju 2017 huwa spiċċa minn fuq il-kotba tal-Pulizija.*

***Fis-26 ta' Mejju 2017** pubblikazzjoni ta' tlett rapporti tal-FIAU minn Daphne Caruana Galizia fil-11.53pm (fol 211). U l-Malta Independent tard filgħaxija qabel eżatt l-aħħar dibattitu tal-elezzjoni bejn il-Kap tal-Oppożizzjoni u l-Prim Ministru tippubblika dwar l-LLG tanker crimes and briberies meta dan ir-rapport jgħid Ferris kien suppost sigriet li lanqas tela' fil-kumitat fejn jiġu diskussi ċerta każijiet imma kien inżamm bejniethom l-erbgħa u ftehmu li t-Tlieta ta' wara kellhom jiltaqgħu ħalli jiddeċiedu jibgħatuhx lill-Pulizija. Iżda ġara li lejliet meta saqsa hux kollox sew għat-Tlieta biex jiltaqgħu Farrugia u Zammit wieġbuh li kienu għadhom ma qrawx ir-rapport u hu qalilhom 'm'għandkomx għaġġla'. U Farrugia qallu li ser jieħu r-rapport miegħu d-dar biex jaqrah u Ferris wissieh li jekk ikollu inċident fit-triq ir-rapport jista' jiġi fl-idejn u Farrugia qallu li mbagħad li kien ser joqgħod jaqrah l-uffiċċju iżda xejn ma għamel minn dan u r-reviżjoni ta' dan ir-rapport skont ir-rikorrent qatt ma saret.*

*Dakinhar ir-rikorrent xehed li kien barra mal-familja u kien irċieva telefonata li l-Malta Independent kienet ħarġet news fuq l-LNG tanker u possibbilment leak. Telaq minn fejn kien u mar id-dar biex jaqra l-artikolu u ċempel mal-ewwel lil Kenneth Farrugia għax hekk kienu miftehmin li jekk jinħareġ xi leak kellhom imorru l-għassa tal-Pulizija flimkien jagħmlu rapport. Ċempel lil Farrugia xi erbatax-il darba iżda Farrugia ma qabadx it-telefon.*

***F'Mejju 2017** bdew ifeġġu ħafna rapporti fil-media rigward possible leaks ta' rapport(i) ta' nvestigazzjonijiet konklużi tal-FIAU fuq PEPs. Huwa pprova jinvestiga minn seta' għamel dan u peress li s-sistema kellha password komuni u lanqas audit trail ma kellha l-investigazzjoni tiegħu ma waslet imkien.*

***F'Mejju 2017** l-FIAU iddaħħal policy ġdida biex kulħadd jiffirma l-conflict of interest declaration għal kull każ li qed jaħdem fuqha mpjegat. Zammit xehed (fol 338 et) li mingħand Ferris ma rċevewx din il-formola.*

***29 ta' Mejju 2017** ir-rikorrent imur ix-xogħol u saqsa lil Kenneth Farrugia għaliex ma kienx ċempillu lura ħalli jmorru l-għassa kif kienu miftehmin, Farrugia wieġbu li huwa kellu struzzjonijiet differenti.*

*Minn dakinhar ir-rikorrent jgħid li tilef il-fiduċja fl-FIAU – beda jsakkar kull kexxun, il-bieb tal-uffiċċju tiegħu anke meta kien jillarga sal-bathroom. Peress li kellu aċċess għal camera minn fuq il-mobile kien jara lis-Supretendent Ian Abdilla fl-uffiċini tal-FIAU b'mod frekwenti ħafna; l-aktar li kien jiġi kien wara l-ħin tax-xogħol u anke l-karozza tas-servizz kien qed jibdel ħalli mingħalih ma jagħtix fil-għajn.*

***Fit-30 ta' Mejju 2017*** *fis-6.30pm Abdilla kien f'meeting ma' Gauci, Zammit u Farrugia biss minkejja li l-impjegati tal-FIAU kienu kollha taħt inkjesti differenti u dan seta' jarahom minn fuq il-mobile tiegħu u ppreżenta l-iscreenshots ta' din il-laqgħa. Fol 241 et. U dan meta l-istess Gauci, Zammit u Farrugia lilu kienu qalulu li kienu ser iżommuh 'in the loop'.*

***Fil-31 ta' Mejju 2017*** *ftit wara li daħal l-uffiċċju irċieva telefonata sabiex imur il-Qorti għax il-Maġistrat Aaron Bugeja ried jieħu x-xhieda tiegħu anke jekk ma kienx liebes għall-Qorti. Kenneth Farrugia qallu biex jieħu miegħu l-aħħar erba' faċċati tar-rapport fuq Konrad Mizzi għax il-Maġistrat kien ser ikellmu fuqhom. Lil Farrugia kien qallu int kif taf fuq xhiex irid ikellimni l-Maġistrat? U meta mar il-Qorti sab lis-Supretendent Ian Joseph Abdilla minflok lill-Ispettur Rennie Stivala kif kien jiġri s-soltu. Hemm huwa fehem x'kienet l-aġenda tal-meeting tal-ġurnata ta' qabel bejn Ian Abdilla, Kenneth Farrugia, Alfred Zammit u Ruth Gauci.*

*A fol 328 et Zammit jispjega li dan ġara għaliex dawn l-erba' paġni kienu diġà leaked fil-media u għalhekk ma kellux għalfejn jieħu aktar u kompla l-irwol tal-FIAU huwa li jipproteġu l-informazzjoni u li ma kienx hemm bżonn li wieħed joħroġ rapport sħiħ mentri fil-verità l-kwistjoni kienet fuq erba' paġni.*

***Fl-1 ta' Ġunju 2017*** *Kenneth Farrugia Direttur u Alfred Zammit Deputat Direttur, għaddew ir-rapport tagħhom dwar ir-rikorrent lill-Bord tal-Gvernaturi (fol 138). Zammit fix-xhieda tiegħu jammetti li lir-rikorrent ma kienx infurmah bl-ilment li irċieva dwaru minn sħabu.*

***3 ta' Ġunju 2017*** *saret l-elezzjoni ġenerali u l-affarijiet skont ir-rikorrent mhux talli ma nbidlux anzi marru għall-agħar.*

***Fit-13 ta' Ġunju 2017*** *il-Ministru Edward Scicluna ħareġ stqarrija fejn kien qal li rapporti tal-FIAU kontra Schembri u nies oħra PEP inkitbu apposta sabiex jiġu leaked – ir-rikorrent li jikkontendi li l-ewwel rapport kontra Keith Schembri kien sar f'Lulju 2016 meta huwa kien għadu fil-Korp tal-Pulizija u t-tieni rapport kien intbagħat lill-Pulizija fil-bidu ta' Novembru 2016 liema rapport kien iffirmah hu wara li kien qrah u kkorreġa xi żbalji tal-pinna u dan kien it-tieni jew it-tielet ġurnata tax-xogħol tiegħu mal-FIAU u li għalhekk ma kienx huwa nvolut fl-investigazzjonijiet.*

***Fil-15 ta' Ġunju 2017*** *l-FIAU bagħtitu jagħti lecture lil officer cadets Ġermaniżi ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija. Dan ġie konfermat minn Alfred Zammit fol 350 et.*

***Fit-16 ta' Ġunju, 2017*** *jiġi terminat l-impjieg tar-rikorrent.*

*Ġara li, skont ir-rikorrent, fil-ġurnata tal-Ġimgha għal ħabta tal-11.45am huwa ntalab sabiex imur fl-uffiċċju tad-Direttur fejn sab lil Farrugia u lil Zammit jistennewh u tawh l-ittra tat-termination of employment. Meta saqsa għala dan huma lanqas biss wieġbu ħlief li lissnu l-kliem 'jiddispjaċina' u li din ma kelliex x'taqsam mal-leaks li kienu qed jiġu nvestigati.*

*Zammit iżda xehed fol 350 et li meta għadda l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg lir-rikorrent ir-rikorrent qallu li din hija kollha minħabba l-leaks iżda huwa wieġbu li jekk jiftakar sew ħares lejh u qallu 'le this is a performance related so this is based on our assessment of your performance.'*

***2 sas 7 ta' Lulju 2017*** *ir-rikorrent kellu kollox lest biex jattendi flimkien ma' Farrugia u Zammit konferenza ġewwa Macau u li tagħha kien diġà rċieva l-biljetti u l-voucher tal-hotel għal din il-konferenza.*

***Bidu tas-sena 2018*** *Ruth Gauci tilħaq Manager tat-taqsima fejn kien jaħdem Ferris u lejn l-aħħar tas-sena 2020 u bidu tas-sena 2020 Gauci laħqet Head tal-istess taqsima.*

*Xogħol ir-Rikorrent*

*Fol 20 sa 24 tal-proċess hemm elenkat ir-responsabbiltajiet u x-xogħol tar-rikorrent. Minnhom jirriżulta wkoll li l-FIAU kienet mgħaġġla timpjega lil Ferris tant li ħasset li kellha torbtu sa mill-10 t'Awwissu 2016 li huwa kien ser jibda jaħdem magħha fl-1 ta' Novembru 2016.*

*A fol 338 Alfred Zammit spjega li r-rwol ta' Financial Analysis Manager huwa putting in brief, responsabbli li jillidja u to oversee all operations of the financial analysis Team. Huwa wkoll expected to give direction to the officers in the section and ensure that these are adhered to and represent the FIAU at international meetings and workshops. Huwa għalhekk il-persuna responsabbli jimmaniġġja dan it-team u jara li n-nies huma motivati, jara li n-nies jipperformjaw tajjeb, jara n-nies jekk għandhomx bżonn gwida jew għandhomx bżonn l-għajnuna biex jieħdu deċiżjonijiet kemm ta' natura operational u kemm ta' managerial leadership.*

*Fuqu hemm id-Deputy Director u d-Director.*

*Mill-aspett internazzjonali Ferris kellu xogħol li jirċievi requests minn barra minn Malta u minn dawn ikollhom ħafna u waħda mill-affarijiet li tagħmel l-Intelligence Section hija li tirċievi dawn ir-requests minn FIAUs minn madwar id-dinja u*

*jirrisponduhom; jara li x-xogħol isir kif suppost u safar matul is-sena jattendi konferenzi internazzjonali, jivvjagga fuq xogħol.*

*Huwa spjega a fol 338 et kif taħdem l-FIAU sakemm tiġi biex tgħaddi l-każ lill-pulizija l-każ jigi assigned, issir analiżi, jiġi preżentat lill-Kumitat u l-Kumitat jiddeċiedi jekk għandux imur għand il-pulizija jew le jew jekk hemmx bżonn isir aktar xogħol biex l-analiżi tkun kompluta.*

*Mill-provi jirriżulta li r-rapporti kienu jsiru mill-impjegat fit-team ta' Ferris li lilu l-każ jiġi assigned, dan jintbagħat lil Ferris u Ferris jgħaddih lill-membri tal-Kumitat ghall-approvazzjoni tagħhom sabiex jiġi mgħoddi l-pulizija.*

*Zammit jammetti fol 350 et li kien hemm password waħda iżda s-sistema xorta kienet titrejsja min illoggja u min qed ibiddel xhiex fis-sitema avolja kien hemm password komuni bejn it-team li kellhom dak iż-żmien. U li kulħadd kien juża l-istess log in name u l-istess password.*

***Konsiderazzjonijiet legali***

*Illi kif wisq tajjeb affermat mill-Qorti tal-Appell fil-ġurisdizzjoni Ċivili tagħha, "In linea ta' prinċipju l-liġi li tirregola l-impjiegi u l-ħlas tax-xogħol tippartecipa mill-ordni pubbliku ma għandhiex tigi indebolita" (**Victor Quintano vs Anthony Phillips et 15 ta' Lulju 1969)**.*

*Illi min iħaddem għandu jagħti lill-impjegat kull għajnuna, taħriġ u gwida raġonevolment possibbli.*

*Dwar il-grad tal-prova, dan għandu jkun fuq bilanċ ta' probabilitajiet. Kif ġie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deċiża nhar il-ħamsa w għoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili:-*

"il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hi bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtieġa trid tirriżulta minngħajr ma thalli ebda dubju raġonevoli."

*Għal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja (**Borg vs Bartolo-** Appell Inferjuri – 25 ta' Ġunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti –***

*Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 8 ta' April 1994;* ***Borg vs Manager tal-Intrapriża tal-Ħalib –*** *Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 17 ta' Lulju 1981;* ***Vassallo vs Pace*** *– Vol. LXX.II.144 u* ***Zammit vs Petrococchino*** *– Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).*

*Kif ingħad fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja u għoxrin (28) t'April 2004 fl-ismijiet* **Emanuel Ciantar vs David Curmi FIAU***:-*

"Fil-kamp ċivili l-piż tal-prova huwa mixħut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawża ċivili, d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika.

Huwa ben magħruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi, għandhom iħallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fihom, ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo."

*Anke fis-sistema legali Ingliża insibu l-istess grad ta' prova għal dak li jirrigwarda kawżi quddiem it-Tribunal Industrijali.* "If there is a lack of direct evidence as to the employer's motives for dismissing the employee, a tribunal can draw 'reasonable inferences from primary facts established by the evidence or not contested in the evidence'. The Tribunal's reasoning must show that it has reached its conclusion on the balance of probabilities, having considered the evidence and any other options, rather than simply accepting the reason put forward by the employee in default of a convincing explanation from the employer. "(*vide EMPLOYMENT TRIBUNALS fl-Ingilterra Claimant: Miss N Rolph Respondent: ISS Mediclean Limited Heard:Via Cloud Video Platform in the Midlands (East) Region On: 2nd, 3rd and 4th November 2021 Before; Employment Judge Ayre, Sitting with Tribunal members Ms H Andrews and Mr R Jones Representatives: Claimant: in person Respondent : Mr S Moon, consultant).*

*Dwar diskriminazzjoni dan it-Tribunal jagħmel referenza għal dan li ġej:*

**Art. 2(d) tal-Kap 452** *li jiddefinixxi 'trattament diskriminatorju' bħala li tfisser kull distinzjoni, esklużjoni jew restrizzjoni li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetà demokratika, nkluż diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-istat konjugali, tqala jew tqala potenzjali, sess, kulur, diżabilità, twemmin reliġjuż, opinjoni politika jew sħubija fi trade union jew f'assoċjazzjoni prinċipali.*

**Artikolu 26 tal-istess Kap 452** *li jipprojbixxi trattament diskriminaatorju u jelenka każijiet ta' diskriminazzjoni liema każijiet ma humiex eżawrjenti stante li l-leġislatur juża l-kelma 'jinkludi" fl-artikolu 26(2) tal-istess Kap.*

***Il-LS 452.95** dwar Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi u li l-iskop tagħha Art 1(3) huwa sabiex jikkumbattu trattament diskriminatorju għar-raġunijiet ta' reliġjon jew twemmin reliġjuż, diżabilità, sess, orjentazzjoni sesswali u oriġini razzjali jew etniċi.*

*Li għalhekk dawn ir-regolamenti ma jsemmu xejn dwar diskriminazzjoni ta' xorta oħra kuntrarjament għall-artikolu 2(d) tal-Kap 452 li jagħti tifsira aktar wiesgħa ta' trattament diskriminatorju.*

*Konsegwentement dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal każ odjern stante li r-rikorrent ma hux qed jibbaża d-diskriminazzjoni għall-ebda waħda mir-raġunijiet mogħtija mil-LS 452.95 fl-artikolu 1(3).*

*Kif intqal fis-sentenza **Paul Borg vs APS Bank Ltd mogħtija mil-Qorti tal-Appell sede inf fis-26 ta' Marzu 2010** "il-liġi tagħna hija aktar wiesgħa minn dawk il-parametri anke għaliex tannovera fost l-atti diskriminatorji trattamenti li jinċidu fuq il-kondizzjonijiet tar-rapport ta' mpjieg. Dan sija fl-istadju ta' ngaġġ kif ukoll fil-kors ta' l-eżekuzzjoni tal-impjieg. Ara artikolu 26(1) tal-Att."*

***Jekk waqt il-perijodu ta' prova mpjegat jistax jiġi suġġettat għal diskriminazzjoni***

*Preliminarjament jiġi rilevat li waqt il-perijodu ta' prova l-prinċipal ma jistax jagħmel li jrid għax l-impjegat għadu fil-perijodu ta' prova.*

*Prinċipal f'dan il-perijodu għandu jassigura li dak l-impjegat li jkun għadu bi prova jkun qiegħed iwettaq dmirijietu sew u jagħtih dak is-sapport u dik l-assistenza kollha meħtieġa sabiex jintegra fix-xogħol tiegħu u mhux jittrattah b'mod diskriminatorju jew jivvittimizzah bħala strateġija biex dan jitkeċċa, jirriżenja jew bi skuża biex ma jinżammx fl-impjieg. (vide fir-rigward Deċiżjoni Preliminari numru 776 każ numru 3521/GV **Doreen Camilleri vs L-Aġenzija tal-programmi tal-Unjoni Ewropea** fid-9 ta' Novembru 2021 mogħtija mit-Tribunal Industrjali).*

*Li huwa wkoll stabilit il-prinċipju li waqt il-perijodu ta' prova mpjegat ma jistax jiġi diskriminat. Dan ġie konfermat fis-sentenza **Paul Borg vs APS Bank Ltd mogħtija mill-Qorti tal-Appell sede inf per Imħ Sciberras fis-26 ta' Marzu 2010** "il-liġi tagħna hija aktar wiesgħa minn dawk il-parametri anke għaliex tannovera fost l-atti diskriminatorji trattamenti li jinċidu fuq il-kondizzjonijiet tar-rapport ta' mpjieg. <u>Dan sija fl-istadju ta' ngaġġ</u> (sottolinear ta' dan it-Tribunal) kif ukoll fil-kors tal-eżekuzzjoni tal-impjieg. Ara artikolu 26(1) tal-Att."*

*Illi għalhekk dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeċiedi li waqt il-perijodu ta' prova prinċipal ma jistax jissuġġetta lill-impjegat għal diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol.*

***Jekk kienx hemm diskriminazzjoni waqt il-perijodu ta' prova***

*It-tieni punt li ser jiġi kunsidrat huwa jekk ir-rikorrent għandux raġun meta jgħid li l-impjieg ġie terminat lilu minħabba dak li huwa jsejjaħ fir-rikors promotur konsiderazzjonijiet politiċi li jikkostitwixxu trattament mhux aċċettabbli f'soċjetà demokratika u għalhekk huwa bażi ta' trattament diskriminatorju.*

*Li l-avukat tal-FIAU meta kien qed jixhed in kontro-eżami Zammit fol 338 et irrimarkat li safejn jistgħu jifhmu huma għax mhix ċara l-lanjanza ta' Ferris hija li d-diskriminazzjoni hija għax tneħħa minn din l-investigazzjoni.*

*Iżda għal dan it-Tribunal il-lanjanza ta' Ferris hija ċara – minn meta feġġ il-każ tal-Pilatus Bank fil-media u l-leakages l-oħra ftit wara, huwa ma baqax jiġi fdat meta l-kollegi tiegħu baqgħu fdati għalkemm kellhom l-istess password li kellu hu.*

*Li għamel issir din il-prova dan it-Tribunal huwa obbligat li jara jekk ġewx imressqa provi li jistabbilixxu dak li jissejjaħ bħala* <u>"any casual link between the 'something" and "the unfavourable treatment"</u>. *(vide deċiżjoni mogħtija mill-Employment Appeal Tribunal per Lord Fairly f'Edinburgh fit-30 t'Awwissu 2022 bejn Ms Zoe Lucas and Cosmeceuticals Ltd.*

*Illi dwar dan, dan it-Tribunal, mill-eżami akkurat tal-provi li għamel dan it-Tribunal u kif elenkata hawn fuq, dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif fl-istess żmien li l-Awtorità ma kienetx kuntenta bil-performance tar-rikorrenti xorta baqa' jiġi fdat u jintbagħat jirrappreżentaha f'fora Malta u barra minn Malta u xi drabi akkumpanjat ukoll minn l-istess persuni li ċċertifikaw li l-performance tiegħu li ma kienetx tajba u inżamm bħala Head of Unit meta bdew joħorġu dawn il-leakages.*

*Dwar in-ness bejn it-terminazzjoni tal-impjieg u diskriminazzjoni minnu allegata, dan it-Tribunal jista' jikkonstata mill-provi kollha mressqa li:*

*It-terminazzjoni tal-impjieg saret fis-16 ta' Ġunju 2017.*

*Li l-prova ta' diskriminazzjoni saret mir-rikorrent stante li mill-prova jirriżulta li:*

*Is-suspetti dwar il-leaks waqgħu fuqu meta l-uffiċjali kollha fl-FIAU li kellhom il-password; u li f'April 2017 ukoll daħlu tlett analisti ġodda mall-FIAU tnejn minnhom spetturi tal-Pulizija u li għalhekk kellhom ukoll aċċess għall-password;*

*Li ma ġiex pruvat li r-rikorrent kien huwa li ħareġ dawn il-leaks stante li ma kienx l-uniku persuna fl-FIAU li kellu aċċess għar-rapporti li ġew leaked kif ukoll ma jistax jingħad li min kien hemm qablu fl-FIAU ma ħax miegħu rapporti sensittivi;*

*L-ewwel rapport dwar Pilatus Bank ma sarx minnu;*

*Ir-rapport dwar Hillman sar qabel huwa beda jaħdem l-FIAU;*

*Ir-rapport dwar l-allegat kickbacks bejn Hillman u Keith Schembri ingħata lilu minn Alfred Zammit biex jiffirmah kif beda jaħdem mal-FIAU;*

*Ir-rapport kontra Keith Schembri sar f'Lulju 2016 u kien għand il-pulizija; t-tieni rapport intbagħat lil pulizija f'Novembru 2016 u li ma kienx sar minnu iżda huwa ffirmah.*

*Ir-rapport dwar Konrad Mizzi sar minn Ruth Gauci fit-22 ta' Marzu 2017 u l-Bord baqa' ma ltaqax biex jiddeċiedi jibgħatux lil pulizija;*

*Ir-rapport dwar LNG tanker huwa ffirmah biss u kien sar minn ħaddieħor u wkoll ma ġiex finalizzat mill-Bord;*

*Ma jirriżultax mill-provi li dawn ġew kontradetti mill-FIAU.*

*Iżda veru wkoll li huwa kellu aċċess għalihom għalkemm ma nkitbux minnu però xorta jibqa' l-fatt li ebda prova ma saret li dawn il-leaks saru minnu.*

*Li s-sistema kienet li l-FIAU kellha password komuni u skont ir-rikorrent lanqas audit trail ma kellha skont ir-rikorrent filwaqt li Zammit fix-xhieda tiegħu a fol 350 kkonferma li kien hemm password waħda iżda s-sistema xorta kienet titresjja min illoggja u min qed ibiddel x'hiex fis-sistema avolja kien hemm password komuni bejn it-team li kellhom dak iż-żmien; għalhekk skont Zammit kulħadd kien juża l-istess log in name u l-istess password.*

*Li anke jekk dan it-Tribunal jasal biex jemmen lil Zammit xorta jibqa' l-fatt li l-FIAU ebda prova ma ġabet jew aħjar ebda sforz sabiex tipprova tinvestiga min ħareġ dawn il-leakages lill-media ġaladarba skont hi s-sistema xorta kienet titresja min illoggja u min ibiddel x'hiex fis-sistema.*

*Dwar il-konflitt ta' interess rigward il-każ Pilatus, dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif fil-21 jew 24 t'April 2017 bagħat għalih Kenneth Farrugia u meta mar sab lil Kenneth Farrugia, Dr. Anton Bartolo u Ruth Gauci u quddiemu bdew jiddiskutu l-issue ta' Pilatus Bank u Bartolo u l-FIAU nkarigawh sabiex jagħmel settijiet ta' domandi li kienu ħa jibgħatu għall-impjegati tal-Pilatus Bank. Dawn id-domandi saru mir-rikorrent u jinsabu esbiti f'dawn l-atti.*

*Sa dakinhar ma jirriżultax li l-FIAU ra xi konflitt ta' nteress mir-rikorrent fil-każ ta' Pilatus Bank għax kieku ma kienux jordnawlu biex ilesti sett ta' domandi li jsaqsu lil impjegati ta' Pilatus Bank.*

*Li fis-27 t'April 2017 li r-rikorrent ma baqax jiġi fdat.*

*Kien fit-2 ta' Mejju 2017 ċioe' jumejn wara li huwa ra għall-ewwel darba r-rapport tal-FIAU dwar Pilatus Bank li kien sar minn Ruth Gauci li Farrugia u Zammit qalulu biex*

*ma jkollux x'jaqsam mal-investigazzjonijiet fejn jidħol Pilatus Bank għax għandu kunflitt ta' nteress minħabba li kien arresta lil Effimova meta kien għadu pulizija. Għalkemm qalilhom li kien għamel xogħlu meta arresta lil min iffroda l-bank huma qalulu li xorta kien ser jibqa' Head of Unit.*

*Jirriżulta wkoll li kien wara dan il-każ li l-FIAU tat lill-impjegati tagħha dikjarazzjoni dwar konflitt ta' nteress, biex jiffirmawha, feġġew il-leaks fil-media f'Mejju 2017 u r-rikorrent baqa' jinżamm bħala Head of Unit għalkemm tneħħa mill-investigazzjoni/jiet dwar Pilatus Bank.*

*Iżda kien biss ir-rikorrent li beda jiġi mwarrab fir-rigward ta' diskussjonijiet dwar jekk rapporti tal-FIAU dwar Politically Exposed Persons.*

*Veru li a fol 328 et Ferris jammetti li għadda lil ħaddieħor l-iscreenshots li ħa tal-laqgħat li kienu jsiru minn Abdilla l-liaison officer tal-Pulizija meta l-FIAU kienet taħt inkjesta; iżda ma saritx il-prova li dan ġara meta Ferris kien għadu mpjegat mal-FIAU*

*Ma jirriżultax li l-membri tat-team tiegħu kellhom l-istess destin ta' Ferris."*

## **L-Appell**

7. L-appellant FIAU ppreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fit-18 ta' Ottubru, 2023 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"...jogħġobha tilqa' dan l-appell, u tħassar u tirrevoka: (i) id-deċiżjoni preliminari fl-ismijiet premessi mogħtija mit-Tribunal Industrijali nhar it-8 ta' Ottubru, 2018 fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari dwar in-nuqqas tal-ġurisdizzjoni minħabba li t-tkeċċija saret fil-*probation, *u tgħaddi biex tilqa' l-istess eċċezzjoni, u (ii) id-deċiżjoni fl-ismijiet premessi mogħtija mit-Tribunal Industrijali nhar is-6 ta' Ottubru, 2023, u tgħaddi għalhekk sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrent appellat fl-intier tagħhom, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Korp appellant.*

*Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma s-segwenti: (a) għal dak li jirrigwarda d-deċiżjoni preliminari, din hija żbaljata għaliex a tenur tas-subartikolu 36(2) tal-Kap. 452, il-prinċipal għandu l-jedd li jittermina l-impjieg tal-impjegat waqt il-perijodu ta'

*probation* mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni; (b) għal dak li jirrigwarda d-deċiżjoni finali, din ukoll hija żbaljata billi njorat dak li jirrikjedi s-subartikolu 36(2) tal-Kap. 452. Fil-mertu hija żbaljata wkoll, għaliex it-Tribunal m'applikax il-konsiderazzjonijiet legali tiegħu dwar il-livell ta' prova.

8. L-appellat wieġeb fl-10 ta' Jannar, 2024, fejn sostna li l-appell odjern għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż, u dan għar-raġunijiet li huwa jgħaddi sabiex ifisser fit-tweġiba tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-ewwel aggravju:* *[id-deċiżjoni preliminari hija żbaljata għaliex a tenur tas-subartikolu 36(2) tal-Kap. 452, il-prinċipal għandu l-jedd li jittermina l-impjieg tal-impjegat waqt iż-żmien tal-prova mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni]*

9. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ jekk huwiex ġustifikat l-ewwel aggravju tal-appellant FIAU, u dan filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni dak li wassal lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu, u s-sottomissjonijiet tal-appellat.

10. L-appellant FIAU jispjega li l-ewwel aggravju tiegħu huwa li d-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal hija żbaljata fejn din ċaħdet l-eċċezzjoni preliminari tiegħu dwar nuqqas ta' ġurisdizzjoni, stante li t-tkeċċija tal-appellat saret waqt il-*probation.* Jikkontendi li fil-każ odjern, l-allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju hija espressament u limitatament marbuta mat-tkeċċija. Jgħid li saħansitra l-ewwel talba tal-appellat hija għal dikjarazzjoni *"illi t-tkeccija tar-rikorrenti tikkostitwixxi trattament diskriminatorju",* u għalhekk l-imsemmi appellat qiegħed jattakka d-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. L-

appellant FIAU jirrileva li l-appellat ma kien ressaq l-ebda proċeduri dwar l-allegat trattament diskriminatorju li rċieva matul l-impjieg tiegħu, iżda mbagħad qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni tat-terminazzjoni tal-istess impjieg għaliex allegatament din kienet 'imnebbħa' minn trattament diskriminatorju. Għalhekk jgħid li mingħajr it-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, l-appellat ma kien iressaq l-ebda lment. L-appellant jgħid illi l-imsemmija terminazzjoni iżda saret waqt iż-żmien ta' prova, u għalhekk l-ilment tal-appellat ma setax isir. Jissottometti li t-Tribunal kellu neċessarjament jindaga r-raġuni għat-tkeċċija minħabba l-mod kif l-appellat ressaq it-talba tiegħu. L-appellant FIAU għalhekk jsostni li dak li t-Tribunal kien ġie mitlub jagħmel huwa li jinvestiga r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat, u b'hekk id-deċiżjoni fil-mertu kkunsidrat ir-raġuni tat-tkeċċija tiegħu, minkejja li din saret waqt iż-żmien tal-prova. Jirrileva li l-ġurisprudenza hija paċifika u tagħmel ċar li t-Tribunal m'għandu l-ebda ġurisdizzjoni li jissindika r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg fejn din issir waqt l-imsemmi żmien tal-prova.

11. L-appellat jirrileva li dak li qiegħed jgħid hawnhekk l-appellant FIAU, huwa li jekk il-prinċipal juri aġir diskriminatorju waqt iż-żmien ta' prova, dan ma jistax jiġi ssindikat anki fejn jikser xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-individwu. Sabiex jevita r-ripetizzjoni, l-appellat jagħmel riferiment għan-nota ta' sottomissjonijiet li huwa kien ippreżenta quddiem it-Tribunal, qabel m'għadda għad-deċiżjoni preliminari. Jissottometti li b'kuntrast ma' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-Kap. 452 jipprovdi għal definizzjoni ta' diskriminazzjoni iktar wiesgħa minn dik li tradizzjonalment hija applikata. L-appellat jikkontendi li d-dritt ta' tkeċċija waqt il-perijodu ta' prova mingħajr l-ebda konsegwenza, mhuwiex dritt assolut. Pereżempju mara tqila ma tistax

titkeċċa mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti, anki waqt dan iż-żmien ta' prova. L-appellat jissottometti li l-protezzjoni hija msejsa fuq in-neċessità li ma ssirx diskriminazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi, u turi li l-leġislatur għaraf il-ħtieġa li jkun hemm din il-protezzjoni.

12. Il-Qorti tgħid li t-Tribunal kien korrett meta ddeċieda li għandu jiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-appellant FIAU. Filwaqt li tikkunsidra li t-talba tal-appellat quddiem it-Tribunal kienet għal dikjarazzjoni li t-tkeċċija mill-impjieg tiegħu minn mal-appellant FIAU kienet tikkostitwixxi trattament diskriminatorju fil-konfront tiegħu bi ksur tal-liġi, tirrileva li huwa ċar li mhuwiex qiegħed jikkontesta t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu bħala waħda nġusta *ai termini* tal-para. (a) tas-subartikolu 75(1) tal-Kap. 452. Tagħraf li minflok it-talba tiegħu hija msejsa fuq id-disposizzjonijiet tal-para. (a) tas-subartikolu 26(1) tal-istess liġi, li jipprovdi kif ġej:

> "26. (1) Ħadd ma jista' –
>
> ...
>
> b) rigward impjegati li huma diġà fl-impieg tal-prinċipal, jassoġġetta dawk l-impjegati jew xi klassi ta' impjegati għal trattament diskriminatorju, fir-rigward ta' kondizzjonijiet ta' impieg jew tkeċċija"

13. Minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi, joħroġ ċar li matul iż-żmien tal-prova, l-impjegat għandu d-dritt li ma jsofri minn l-ebda trattament diskriminatorju kemm fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, imma anki fil-każ tat-tkeċċija tiegħu. Il-Qorti tirrileva li d-disposizzjonijiet tal-liġi ma jimponu l-ebda limitu fuq dan id-dritt, u m'hemmx dubju li l-leġislatur ried li l-impjegat ma jsofri l-ebda trattament diskriminatorju f'kull żmien tal-impjieg tiegħu, anki waqt iż-żmien tal-prova. Tgħid li mifhuma mod ieħor, id-disposizzjonijiet tal-liġi

appena ċitati jistgħu jagħtu lok għal abbuż tal-impjegat mill-prinċipal, billi jimponi fuq l-istess impjegat kundizzjonijiet diskriminatorji li jkollu joqgħod għalihom, bit-tama li fl-aħħar taż-żmien tal-prova huwa jkun sab impjieg, iżda minflok jiġi affaċċjat b'tkeċċija li tkompli tirrifletti t-trattament diskriminatorju li jkun sofra matul l-impjieg tiegħu.

14. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx dan l-ewwel aggravju tal-appellant FIAU ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[id-deċiżjoni finali hija żbaljata billi skartat dak li jirrikjedi s-subartikolu 36(2) tal-Kap. 452, u fil-mertu t-Tribunal m'applikax il-konsiderazzjonijiet legali tiegħu dwar il-livell ta' prova]*

15. L-appellant FIAU jissottometti li fid-deċiżjoni finali tiegħu, it-Tribunal skarta dak li huwa rikjest mis-subartikolu 36(2) tal-Kap. 452, u b'hekk għadda sabiex iddeċieda x'kienet ir-raġuni li wasslet għat-tkeċċija tal-appellat. Jikkontendi għal darb'oħra li ġaladarba t-tkeċċija seħħet fiż-żmien tal-prova, it-Tribunal kien prekluż milli jeżamina r-raġuni għat-tkeċċija tal-appellat. Isostni li l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni li qiegħed jagħmel dan tal-aħħar, hija marbuta mat-tkeċċija tiegħu, u dan kif jirriżulta mill-ewwel talba tiegħu. Jikkontendi wkoll li sabiex jiġi deċiż jekk it-tkeċċija tiegħu kienitx waħda diskriminatorja, kellha tiġi nvestigata r-raġuni għall-imsemmija tkeċċija. L-appellant FIAU jgħid li madankollu d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 36(2) tal-Kap. 452 huma inekwivoċi fejn jipprovdu li matul iż-żmien ta' prova, il-partijiet għandhom id-dritt li jitterminaw l-impjieg mingħajr ma jipprovdu raġuni. Jgħid ukoll li fejn il-

liġi trid li dan id-dritt m'għandux japplika, dan tgħidu espressament bħal fil-każ tas-subartikolu 36(15) tal-L.S. 452.91. Għalhekk l-appellat ma kellu l-ebda rimedju, u t-Tribunal ma kienx korrett fil-mertu fid-deċiżjoni finali tiegħu. Ikompli billi jissottometti li jekk wieħed iqis li tista' tiġi nvestigata r-raġuni tat-tkeċċija li ssir waqt iż-żmien tal-prova, dan iwassal sabiex l-istitut tal-prova jispiċċa. L-appellant FIAU jsostni li jekk matul il-proċeduri odjerni huwa wera, u dan mingħajr preġudizzju, x'kienet tassew ir-raġuni li wasslet għat-tkeċċija tal-appellat, dan ma kienx ifisser li huwa b'hekk irrinunzja għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 36(2) tal-Kap. 452. Jissottometti li hemm sentenzi li jfissru li anki fejn il-prinċipal jagħti raġuni għat-tkeċċija waqt iż-żmien tal-prova, dik ir-raġuni xorta waħda ma tistax tiġi nvestigata. In sostenn tal-argument tiegħu, l-appellant FIAU jagħmel riferiment għal żewġ deċiżjonijiet tat-Tribunal, qabel ma jgħaddi sabiex jispjega għaliex huwa jinsab aggravat bid-deċiżjoni finali fil-mertu. Jissottometti li filwaqt li t-Tribunal għamel konsiderazzjonijiet legali dwar il-livell ta' prova, huwa naqas milli japplika l-istess konsiderazzjonijiet, u minflok addotta l-verżjoni tal-appellat. Minn hawnhekk huwa jgħaddi sabiex jispjega x'kienet ir-raġuni tiegħu li waslet għat-tkeċċija tal-appellat, u jsostni li t-Tribunal naqas milli juri x'valur kien qiegħed jagħti lill-verżjoni ta' dan tal-aħħar, u għaliex ikkunsidra l-verżjoni tal-imsemmi appellat iktar kredibbli.

16. L-appellat jilqa' billi jissottometti li jekk tassew kienx hemm diskriminazzjoni, jikkostitwixxi stat ta' fatt, fejn id-dritt ta' appell huwa limitat għal punt ta' dritt a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 452.

Dwar l-ewwel kwistjoni li qiegħed jissolleva l-appellant FIAU meta jispjega t-tieni aggravju tiegħu li jolqot id-deċiżjoni finali, il-Qorti diġà fissret il-ħsibijiet tagħha aktar 'il fuq f'din is-sentenza, u tgħid li m'għandha xejn iktar x'iżżid fir-rigward.

17. Dwar it-tieni kwistjoni li l-appellant FIAU qiegħed iqajjem hawnhekk, il-Qorti tagħraf li l-appellat għandu raġun li jilmenta li ġaladarba din tolqot il-mertu, ma tistax tiġi ssindikata minn din il-Qorti. Tikkunsidra li d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 huma inekwivoċi meta jillimitaw l-appell fuq id-diversi kwistjonijiet hemmhekk elenkati għal wieħed fuq punt ta' liġi, u dawn il-kwistjonijiet iħaddnu dik li hija mertu tal-vertenza odjerna, jiġifieri allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju.

18. Għaldaqstant il-Qorti tgħid li l-ilment tal-appellant FIAU huwa rritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni li qiegħda tiġi ssollevata taħt it-tieni aggravju tiegħu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni kwistjoni li l-appellant FIAU qiegħed jissolleva permezz tat-tieni aggravju tiegħu, tiċħad il-kumplament tal-appell tiegħu u tikkonferma: (i) id-deċiżjoni preliminari tat-Tribunal fejn dan ċaħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-FIAU dwar nuqqas ta' kompetenza minħabba li t-tkeċċija saret waqt iż-żmien ta' prova; u (ii) id-deċiżjoni finali tat-Tribunal fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern fiż-żewġ istanzi, għandhom jitħallsu mill-appellant FIAU.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**